

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 443/2014**tat-30 ta' April 2014****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, fir-rigward tal-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għat-tadam, il-ħjar, l-għeneb tal-mejda, il-berquq, iċ-ċirasa għajr iċ-ċirasa qarsa, il-ħawħ inkluż in-nuċiprisk u l-għanbaqar**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 ⁽²⁾ jipprevedi s-sorveljanza tal-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness XVIII tiegħu. Din is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ⁽³⁾.
- (2) Għall-finijiet tal-Artikolu 5 (4) tal-Ftehim dwar l-Agricoltura ⁽⁴⁾ konkluż fil-qafas tan-negozjati kummerċjali multi-laterali tar-Rawnd tal-Urugwaj, u abbażi tal-aħħar dejta disponibbli għall-2011, l-2012 u l-2013, jeħtieġ li jiġu modifikati l-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għall-ħjar u iċ-ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa b'seħħ mill-1 ta' Mejju 2014 u l-berquq, it-tadam, l-għanbaqar, il-ħawħ, inkluż in-nuċiprisk u l-għeneb tal-mejda b'seħħ mill-1 ta' Ġunju 2014.
- (3) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 għandu jiġi emendat skont dan. Għal raġunijiet ta' leġġibbiltà, jeħtieġ li l-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament jinbidel fl-intier tiegħu.
- (4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li r-Regolament preżenti jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness XVIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, il-livelli li fihom jiskattaw id-dazji addizzjonali għat-tadam, il-ħjar, l-għeneb tal-mejda, il-berquq, iċ-ċirasa għajr iċ-ċirasa qarsa, il-ħawħ inkluż in-nuċiprisk u l-għanbaqar għandhom jiġu sostitwiti mil-livelli elenkati fil-kolonna korrispondenti ta' dan l-Anness kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2014.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠUL 253, 11.10.1993, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠUL 336, 23.12.1994, p. 22.

ANNEX

"ANNEX XVIII

DAZZI ADDIZZJONALI TAL-IMPORTAZZJONI: TITOLU IV, KAPITOLU I, TAQSIMA 2

Bla ħsara għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata bħala indikattiva biss. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dazzi addizzjonali, għall-finijiet ta' dan l-Anness, huwa ddeterminat abbażi tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(ftunnellati)

Numru tal-ordni	Il-Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-applikazzjoni	Livelli tal-iskattar
78.0015	0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju	445 127
78.0020			Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	27 287
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	12 678
78.0075			Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	12 677
78.0085	0709 91 00	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju	12 663
78.0100	0709 93 10	Zukkini	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	112 241
78.0110	0805 10 20	Laringġ	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju	252 542
78.0120	0805 20 10	Klementini	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	82 192
78.0130	0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90	Mandolin (inklużi l-varjeta- jiet tangerine u satsuma); wilkins u ibridi taċ-ċitru simili	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	81 570
78.0155	0805 50 10	Lumi	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru	310 090
78.0160			Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju	51 670
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru	69 907
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	553 379
78.0180			Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru	72 914
78.0220	0808 30 90	Lanġas	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	183 233
78.0235			Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru	25 489
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	5 630
78.0265	0809 29 00	Ċirasa. għajr iċ-ċirasa qarsa	Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu	32 371
78.0270	0809 30	Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	3 146
78.0280	0809 40 05	Pruna	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	16 404"